MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### LAWRENCE MINTOFF

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1170/2014

**The General Soft Drinks Co. Limited (C1591)**

**vs**

**Dr. Christopher Chricop u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tal-10 ta' Marzu 2015 ġew nominati Kuraturi Deputati flok Darren Casha (detentur tan-numru tal-identità 341982M)**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-socjetà attriċi li bih ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Is-soċjetà rikorrenti pprovdiet lis-soċjetà Erom Trading Limited b'merkanzija konsistenti f'xorb u dan skont ftehim intestat 'Credit Agreement' datat l-1 ta' Lulju 2014;*
2. *Dan il-ftehim kien bejn is-soċjetà rikorrenti (bħala supplier) u Erom Trading Limited (bħala purchaser) u kif ukoll mal-intimat f'ismu proprju u bħala garanti solidali ta' Erom Trading Limited (kopja ta' dan il-ftehim tinsab annessa u mmarkata bħala 'Dokument A');*
3. *Nonostante li Erom Trading Limited irċeviet il-merkanzija, il-ħlas baqa' ma sarx la minnha u lanqas mill-intimat bħala garanti solidali;*
4. *L-ammont dovut huwa ta' Eur75,766.84 u dan skont kif jirriżulta mill-fatturi annessi u mmarkati Dokumenti B1 sa B5;*
5. *Minkejja diversi talbiet għall-ħlas u diversi wegħdiet li l-ħlas sejjer isir, sal-lum il-ħlas baqa' ma sarx;*
6. *Is-soċjetà rikorrenti tibbaża t-talba tagħha fil-konfront tal-intimat Darren Casha u dan abbażi tal-garanzija solidali li huwa ta;*
7. *L-ammont ta' Eur75,776.84 huwa wieħed ċert, likwidu u li għalaq u li ma jikkonsistix fl-eżekuzzjoni ta' fatt;*
8. *Fil-fehma tas-soċjetà rikorrenti, u skont safejn taf l-istess soċjetà, Darren Casha m'għandux eċċezzjonijiet x'iressaq għal din it-talba;*
9. *Jgħid għalhekk l-intimat Darren Casha għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

   i. *Tipproċedi għas-sentenza skont it-talba tas-soċjetà rikorrenti b'dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

   ii. *Tiddikjara lil Darren Casha debitur favur The General Soft Drinks Co. Limited għas-somma ta' Eur75,776.84 u dan oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv;*

   iii. *Tikkundanna lil Darren Casha iħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' Eur75,776.84 u dan oltre imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 1929/14 kontra Darren Casha li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Marzu 2015 fejn l-Avukat James D’Agostino ippreżenta f’isem il-konvenut Darren Casha nota ta’ ammissjoni tat-talbiet attriċi kif dedotti.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Billi fuq ammissjoni tal-konvenut, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**Il-Qorti għalhekk taqta’ u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa’ l-ewwel talba tas-soċjetà attriċi u taqta’ l-kawża bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;**
2) **Tilqa’ t-tieni u t-tielet talba tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lil Darren Casha biex iħallas lil The General Soft Drinks Co. Limited (C1591) is-somma ta’ ħamsa u sebgħin elf, seba’ mija u sitta u sebgħin euro u 84 ċenteżmu (Eur75,776.84) u dan flimkien mal-imgħaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.**

**Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.**

MOQRIJA

**ONOR. DR. LAWRENCE MINTOFF LL.D.**

**IMĦALLEF**

**Frederick Stagno Navarra**

**Dep. Reġ.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------